REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/359

tal-4 ta' Marzu 2020

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 27 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-bdoti involuti fl-operat ta' inġenju tal-ajru kif speċifikat fil-punti (b)(i) u (ii) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(2) Fid-dawl tan-natura speċifika tal-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjir għall-blalen tal-arja u l-gliders, jenħtieġ li rekwiżiti speċifiċi ta' liċenzjar jiġu stabbiliti f'regolamenti separati, speċifikament fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 ([3]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 ([4]).

(3) Fl-istess waqt, ir-rekwiżiti ta' liċenzjar għal-liċenzji tal-bdoti tal-blalen tal-arja u tal-gliders stabbiliti fl-Anness I (Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jenħtieġ li jitħassru, u ċerti rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL) li jindirizzaw kwistjonijiet li jolqtu diversi oqsma, fosthom dispożizzjonijiet dwar l-ikkreditar bejn liċenzji tal-bdoti tal-blalen tal-arja jew tal-gliders u bejn liċenzji għal kategoriji oħra ta' inġenji tal-ajru, jenħtieġ li jkunu rieżaminati fid-dawl tar-rekwiżiti ta' liċenzjar il-ġodda għall-bdoti tal-blalen tal-arja u tal-gliders.

(4) Ir-rekwiżiti tal-Anness IV (Parti-MED), tal-Anness VI (Parti-ARA), tal-Anness VII (Parti-ORA) u tal-Anness VIII (Parti-DTO) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jenħtieġ li jibqgħu japplikaw għal-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjir tal-blalen tal-arja u tal-gliders.

(5) Sabiex tkompli tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni, il-bdoti involuti f'attivitajiet ta' sport tal-ajru u titjir ta' rikreazzjoni jenħtieġ li jitħeġġew jiksbu l-privileġġi meħtieġa biex itiru skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti ("IFR"). Għaldaqstant, ir-regoli eżistenti dwar il-privileġġi tal-IFR jenħtieġ li jiġu adattati billi tiddaħħal il-kwalifika bażika tat-titjir bl-istrumenti ("BIR") fl-Anness I (Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011. Jenħtieġ li l-BIR tkun imfassla speċifikament skont il-bżonnijiet tal-bdoti involuti f'attivitajiet ta' sport tal-ajru u titjir ta' rikreazzjoni, fir-rigward tal-kontenut tat-taħriġ u l-firxa tal-privileġġi tagħhom.

(6) Bl-introduzzjoni tal-BIR, il-kwalifika tat-titjir bl-istrumenti waqt ir-rotta ("EIR") fil-punt FCL.825 tal-Anness I (Parti-FCL) tar-Reoglament (UE) Nru 1178/2011 issir superfluwa, u għalhekk jenħtieġ li titħassar. Madankollu, id-detenturi eżistenti ta' EIR jenħtieġ li jkunu intitolati li jkomplu jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom, u jenħtieġ li jirċievu krediti mill-EIR tagħhom meta jfittxu li jiksbu BIR. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li wieħed ikompli b'taħriġ kontinwu għal EIR li jkun beda qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li jlestih bħala taħriġ għal BIR.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 14.3.2018, p. 10).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 tal-14 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-gliders skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 326, 20.12.2018, p. 64).

(7) Jenħtieġ li jsir aġġornament tekniku tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 abbażi tat-tagħlimiet meħuda partikolarment fil-qasam tan-Navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN), fit-taħriġ għall-prevenzjoni ta' instabbiltà u għall-irkuprar tal-pożizzjonament tal-inġenju tal-ajru (UPRT), u fil-kwalifiki tal-għalliema u tal-eżaminaturi.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 01/2019 ([5]) tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea skont il-punt (b) tal-Artikolu 75(2) u l-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għal:

(a) kwalifiki differenti għal-liċenzji tal-bdoti; il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenzji tal-bdoti; il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi tal-liċenzji tal-bdoti; kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-konverżjoni tal-liċenzji nazzjonali tal-bdoti eżistenti u tal-liċenzji nazzjonali tal-inġiniera tat-titjira f'liċenzji tal-bdoti;

(b) iċ-ċertifikazzjoni ta' persuni responsabbli biex jipprovdu taħriġ fit-titjir jew taħriġ fis-simulazzjoni tat-titjir, u biex jivvalutaw il-ħiliet tal-bdoti;

(c) ċertifikati mediċi differenti għall-bdoti; il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati mediċi; il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi ta' ċertifikati mediċi kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-konverżjoni ta' ċertifikati mediċi nazzjonali f'ċertifikati mediċi rikonoxxuti b'mod reċiproku;

(d) iċ-ċertifikazzjoni ta' eżaminaturi ajrumediċi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom prattikanti mediċi ġeneralisti jistgħu jagixxu bħala eżaminaturi ajrumediċi;

(e) il-valutazzjoni ajrumedika perjodika tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ukoll il-kwalifiki tal-persuni responsabbli minn din il-valutazzjoni;

(f) il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ukoll il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina;

(g) il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-bdoti, u taċ-ċentri ajrumediċi involuti fl-ikkwalifikar u fil-valutazzjoni ajrumedika tal-ekwipaġġ tal-ajru tal-avjazzjoni ċivili;

(h) ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir, u għall-organizzazzjonijiet li joperaw u li jużaw dak l-apparat;

(i) ir-rekwiżiti għall-amministrazzjoni u s-sistema tal-ġestjoni li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ('EASA'), u mill-organizzazzjonijiet b'rabta mar-regoli msemmija fil-punti (a) sa (h).

2. L-Artikoli 11b u 11c ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-Anness IV (Parti-MED), l-Anness VI (Parti-ARA), l-Anness VII (Parti-ORA) u l-Anness VIII (Parti-DTO) ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw għal-liċenzji tal-bdoti tal-blalen tal-arja u tal-gliders."

([5]) Easier access for GA pilots to IFR flying & Revision of the balloon and sailplane licensing requirements (Opinjoni Nru 01/2019 (A) & (B), 19.2.2019), disponibbli fuq: https://www.easa.europa.eu/document-library/opinions

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(19) 'għalliem tat-titjir (FI)' tfisser għalliem bil-privileġġi li jipprovdi taħriġ f'inġenju tal-ajru, skont is-Subparti J tal-Anness I (il-Parti-FCL) ta' dan ir-Regolament, is-Subparti FI tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament (UE) 2018/395 (*), jew is-Subparti FI tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1976 (**);

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 14.3.2018, p. 10).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 tal-14 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-gliders skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 326, 20.12.2018, p. 64).";

(3) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu (8), "Sat-8 ta' April 2021" huwa sostitwit bi "Sat-8 ta' Settembru 2021".

(4) jiddaħħal l-Artikolu 4c li ġej:

"Artikolu 4c

Miżura tranżizzjonali għad-detenturi ta' kwalifika tat-titjir bl-istrumenti waqt ir-rotta

1. Sat-8 ta' Settembru 2022 inkluż, id-detenturi ta' kwalifika tat-titjir bl-istrumenti waqt ir-rotta ('EIR') kif stipulat fil-punt FCL.825 tal-Anness I (Parti-FCL) għandhom:

   (a) ikunu intitolati li jkomplu jeżerċitaw il-privileġġi tal-EIR tagħhom;

   (b) jirċievu rivalidazzjoni jew tiġdid tal-EIR tagħhom, skont il-punt FCL.825(g) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) (*);

   (c) ikunu intitolati li jirċievu kreditu sħiħ lejn ir-rekwiżiti tat-taħriġ fil-punt FCL.835(c)(2)(i) u (ii) tal-Anness I (Parti-FCL), meta japplikaw għall-ħruġ ta' kwalifika bażika tat-titjir bl-istrumenti (BIR) skont il-punt FCL.835 tal-Anness I (Parti-FCL); u

   (d) jirċievu kreditu sħiħ kif stabbilit għad-detenturi ta' EIR fl-Anness I (Parti-FCL).

2. Mit-8 ta' Settembru 2021 'il quddiem, il-korsijiet ta' taħriġ għal EIR kif imsemmi fil-paragrafu 1 li jkunu bdew qabel dik id-data jistgħu jitkomplew, u għandhom jitqiesu bħala korsijiet ta' taħriġ għal BIR. Abbażi ta' valutazzjoni tal-applikant, l-organizzazzjoni tat-taħriġ approvata responsabbli għall-kors ta' taħriġ għal BIR għandha tiddetermina l-ammont ta' taħriġ għal EIR li jrid jiġi kkreditat lejn il-ħruġ tal-BIR.

3. L-applikanti għal BIR li huma detenturi ta' EIR jew li jkunu għaddew mill-eżami tal-għarfien teoriku għal EIR skont il-punt FCL.825(d) qabel it-8 ta' Settembru 2021 għandhom jirċievu kreditu sħiħ lejn ir-rekwiżiti għall-istruzzjoni tal-għarfien teoriku u l-eżami għall-BIR.";

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) tal-4 ta' Marzu 2020 (Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

(5) L-Artikolu 11c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11c

Miżuri tranżizzjonali

L-Istati Membri għandhom:

(a) jittrasferixxu lill-EASA, sa mhux aktar tard mit-8 ta' April 2021, ir-rekords kollha marbutin mas-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu taħriġ għal-liċenzji tal-bdoti skont ir-Regolament (UE) 2018/395 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1976, u li għalihom l-EASA hija l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(b) jikkonkludu, b'koordinazzjoni mal-EASA, il-proċessi ta' ċertifikazzjoni mibdija qabel it-8 ta' April 2020, u joħorġu ċ-ċertifikat; wara dan, l-EASA terfa' r-responsabbiltajiet kollha tagħha bħala awtorità kompetenti għal dawk l-organizzazzjonijiet iċċertifikati.

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).";

(6) fl-Artikolu 12, il-punt (2a) jitħassar;

(7) fl-Artikolu 12(4), "sal-20 ta' Ġunju 2020" huwa sostitwit bi "sal-20 ta' Ġunju 2021";

(8) l-Anness I (Parti-FCL) huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(9) l-Anness IV (Parti-MED) huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(10) l-Anness VI (Parti-ARA) huwa emendat skont fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(11) l-Anness VII (Parti-ORA) huwa emendat skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(12) l-Anness VIII (Parti-DTO) huwa emendat skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mit-8 ta' April 2020.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw mit-8 ta' Settembru 2021:

(a) il-punti (1)(e), (4)(b), (5) sa (7), (32), (34), (36)(d), (40)(a), (41); (42), (44), (46) sa (48), (52)(f), (53)(a) sa (53)(c) (53)(e), (53)(f), (54), (55), (56)(a) sa (56)(c) u (57) tal-Anness I;

(b) il-punt (b) tal-Anness II;

(c) il-punt (10)(d)(ii) tal-Anness III.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Artikolu 1, il-punt (7) u l-punti (49), (53)(d), (58)(b), (58)(d) u (58)(e) tal-Anness I għandhom japplikaw minn dakinhar tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I (Parti-FCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt FCL.010 huwa emendat kif ġej:

(a) id-definizzjoni ta' "airship" hija sostitwita b'dan li ġej:

"'Airship' tfisser inġenju tal-ajru bil-magna li huwa eħfef mill-arja, bl-eċċezzjoni ta' airships li jaħdmu b'arja sħuna, li huma kkunsidrati bħala blalen tal-arja skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395.";

(b) id-definizzjoni ta' "ħin ta' titjir" hija sostitwita b'dan li ġej:

"'Ħin ta' titjir':

għal ajruplani, touring motor gliders u inġenji tal-ajru powered-lift, tfisser il-ħin totali mill-mument meta inġenju tal-ajru jibda jiċċaqlaq sabiex jinqata' mill-art sal-mument meta finalment jieqaf fi tmiem it-titjira;

għal ħelikopters, tfisser il-ħin totali minn meta l-iskrejjen tal-ħelikopter jibdew iduru sakemm il-ħelikopter finalment jieqaf fi tmiem it-titjira, u jitwaqqfu l-iskrejjen;

għal airships, tfisser il-ħin totali minn meta l-airship jinħall minn mal-arblu biex jinqata' mill-art sa meta l-airship finalment jieqaf fi tmiem it-titjira, u jintrabat mal-arblu.";

(c) id-definizzjoni ta' "glider bil-mutur" hija sostitwita b'dan li ġej:

"'Glider bil-mutur' tfisser glider mgħammar b'magna waħda jew aktar li, meta l-magni ma jkunux qed jaħdmu, ikollu l-karatteristiċi ta' glider.";

(d) id-definizzjoni ta' "touring motor glider" hija sostitwita b'dan li ġej:

"'Touring motor glider (TMG)' tfisser, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor wara l-proċess ta' ċertifikazzjoni skont l-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, klassi speċifika ta' gliders bil-mutur li jkollhom magna mgħammra b'mod integrali li ma tistax titreġġa' lura u skrun li ma jistax jitreġġa' lura. Għandu jkun kapaċi jagħmel tlugħ mill-art u fl-ajru bil-qawwa tal-magna tiegħu skont il-manwal tat-titjir tiegħu.";

(e) jiddaħħlu d-definizzjonijiet li ġejjin:

(i) ""Titjira IFR tul ir-rotta' tfisser il-fażi ta' titjira IFR li tibda wara t-tlestija tal-proċedura tat-tluq IFR u tintemm meta tibda l-proċedura tal-avviċinament IFR."; u

(ii) "Titjira bi strumenti tal-panew limitat" tfisser interpretazzjoni tal-attitudni b'referenza għall-interpretazzjoni tal-istrumenti fil-modalità stennija wara t-telf tal-attitudni ewlenija u s-sistema ta' referenza tad-direzzjoni.";

(f) id-definizzjonijiet li ġejjin huma mħassra:

"Klassi ta' ballun tal-arja" u

"Grupp ta' blalen tal-arja";

(2) il-punt FCL.015 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Applikazzjoni għall-ħruġ, għar-rivalidazzjoni jew għat-tiġdid tal-liċenzji tal-bdoti u kwalifiki u ċertifikati assoċjati, kif ukoll kull emenda għalihom, għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti b'mod u manjiera stabbiliti minn dik l-awtorità. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn evidenza li turi li l-applikanti jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, kif ukoll kwalifiki jew approvazzjonijiet assoċjati, kif stabbilit f'dan l-Anness (Parti-FCL) u fl-Anness IV (Parti-MED).";

(b) il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness, kull limitu jew estensjoni tal-privileġġi mogħtija b'liċenzja, kwalifika jew ċertifikat għandu jiġi approvat fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat mill-awtorità kompetenti.";

(c) il-paragrafu (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Detentur ta' liċenzja għandu jissottometti applikazzjonijiet skont il-paragrafu (a) lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru li fih tkun inħarġet il-liċenzja tiegħu jew tagħha skont dan l-Anness (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 jew l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi ġodda (e) u (f) li ġejjin:

"(e) Id-detentur ta' liċenzja li tkun inħarġet skont dan l-Anness (Parti-FCL) jista' japplika mal-awtorità kompetenti maħtura minn Stat Membru ieħor għal bidla tal-awtorità kompetenti relatata mal-liċenzji kollha miżmuma, kif speċifikat fil-paragrafu (d).

(f) Għall-ħruġ ta' liċenzja, kwalifika jew ċertifikat, l-applikant għandu japplika mhux aktar tard minn 6 xhur wara li jkun għadda mit-test tal-ħiliet jew il-valutazzjoni tal-kompetenza.";

(3) fil-punt FCL.020, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Qabel l-ewwel titjira waħdu, bdot student għandu jkollu mill-inqas 16-il sena.";

(4) il-punt FCL.025(c)(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) għall-ħruġ ta' liċenzja ta' bdot ta' inġenju tal-ajru ħafif jew liċenzja ta' bdot privat, għal perjodu ta' 24 xahar;";

(b) il-paragrafi (ii) u (iii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(ii) għall-ħruġ ta' liċenzja ta' bdot kummerċjali jew kwalifika tat-titjir bl-istrumenti (IR), għal perjodu ta' 36 xahar;

(iii) għall-ħruġ ta' kwalifika bażika tat-titjir bl-istrumenti (BIR), għal tul ta' żmien bla limitu.

Il-perjodi fil-paragrafi (i) u (ii) għandhom jingħaddu mill-ġurnata meta l-bdoti jkunu għaddew mill-eżami tal-għarfien teoriku, skont il-paragrafu (b)(2).";

(5) fil-punt FCL.030, jiżdied il-paragrafu (c) li ġej:

"(c) Għall-ħruġ ta' BIR, l-applikant għal test tal-ħiliet għandu l-ewwel ilesti l-moduli kollha ta' taħriġ u jkun irrakkomandat għat-test tal-ħiliet minn ATO. Ir-rekords tat-taħriġ tiegħu jew tagħha għandhom ikunu disponibbli għall-eżaminatur, mill-ATO.";

(6) fil-punt FCL.035, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Ikkreditar tal-għarfien teoriku

(1) L-applikanti li jkunu għaddew mill-eżami tal-għarfien teoriku għal-liċenzja tal-bdot għat-trasport tal-linja tal-ajru għandhom jiġu kkreditati fir-rigward tar-rekwiżiti tal-għarfien teoriku għal-liċenzja ta' bdot ta' inġenji tal-ajru ħfief, il-liċenzja ta' bdot privat, il-liċenzja ta' bdot kummerċjali u, ħlief fil-każ tal-ħelikopters, l-IR u l-BIR fl-istess kategorija ta' inġenji tal-ajru.

(2) L-applikanti li jkunu għaddew mill-eżami tal-għarfien teoriku għal liċenzja ta' bdot kummerċjali għandhom jiġu kkreditati fir-rigward tar-rekwiżiti tal-għarfien teoriku għal:

(i) il-liċenzja ta' bdot ta' inġenju tal-ajru ħafif fl-istess kategorija ta' inġenju tal-ajru;

(ii) il-liċenzja ta' bdot privat fl-istess kategorija ta' inġenji tal-ajru; u

(iii) is-suġġett "komunikazzjonijiet" għall-BIR. Dan il-kreditu għandu jinkludi l-parti IFR tas-suġġett "komunikazzjonijiet" biss jekk dak is-suġġett ikun tlesta skont il-punt FCL.310, kif applikabbli mill-20 ta' Diċembru 2019.

(3) Id-detenturi ta' IR jew l-applikanti li jkunu għaddew mill-eżami tal-għarfien teoriku tal-IR għal kategorija ta' inġenji tal-ajru għandhom jiġu kkreditati fir-rigward tar-rekwiżiti għat-tagħlim u l-eżami tal-għarfien teoriku għal:

(i) l-IR f'kategorija oħra ta' inġenji tal-ajru; u

(ii) il-BIR.

(4) Id-detenturi ta' liċenzja ta' bdot għandhom jiġu kkreditati biex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti għat-tagħlim u l-eżami tal-għarfien teoriku għal liċenzja f'kategorija oħra ta' inġenji tal-ajru skont l-Appendiċi 1 ta' din il-Parti. Dan il-kreditu japplika wkoll għall-applikanti għal liċenzja ta' bdot li diġà għaddew mill-eżamijiet tal-għarfien teoriku għall-ħruġ ta' dik il-liċenzja f'kategorija oħra ta' inġenju tal-ajru, sakemm l-eżami tal-għarfien teoriku jkun fil-perjodu ta' validità speċifikat fil-punt FCL.025(c).

(5) B'deroga mill-paragrafu (b)(3), id-detenturi ta' IR(A) li jkunu temmew kors tal-IR(A) modulari bbażat fuq il-kompetenzi għandhom jiġu kkreditati b'mod sħiħ fir-rigward tar-rekwiżiti fir-rigward tal-istruzzjoni u l-eżami fl-għarfien teoriku biex jinkiseb IR f'kategorija oħra ta' inġenji tal-ajru, biss jekk ikunu għaddew ukoll mill-istruzzjoni u l-eżami tal-għarfien teoriku għall-parti IFR tal-kors meħtieġ skont il-punt FCL.720.A(b)(2)(i). ";

(7) il-punt FCL.055 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d), is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(d) Rekwiżiti speċifiċi għad-detenturi ta' kwalifika tat-titjir bl-istrumenti (IR). B'deroga mill-paragrafi ta' hawn fuq, id-detenturi ta' IR għandhom ikunu wrew il-kapaċità li jużaw l-Ingliż fil-livell xieraq ta' proficjenza kif definit fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.";

(b) il-paragrafu (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Il-wiri ta' proficjenza fil-lingwa u tal-użu tal-ilsien Ingliż għal detenturi ta' IR għandu jsir permezz ta' metodu ta' valutazzjoni stabbilit minn kwalunkwe awtorità kompetenti.";

(8) il-punt FCL.060 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) jitħassar;

(b) fil-paragrafu (b), is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(b) Ajruplani, ħelikopters, inġenji tal-ajru powered-lift u airships. Bdot m'għandux iħaddem inġenju tal-ajru għat-trasport kummerċjali bl-ajru jew biex iġorr passiġġieri:";

(9) il-punt FCL.065 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Età ta' 65 sena. Id-detenturi ta' liċenzja ta' bdot li għalqu 65 sena m'għandhomx jaġixxu bħala bdot ta' inġenju tal-ajru involut fit-trasport kummerċjali bl-ajru.";

(b) il-paragrafu (c) jitħassar;

(10) il-punt FCL.100 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.100 LAPL — Età minima**

L-applikanti għal-LAPL għall-ajruplani jew il-ħelikopters għandu jkollhom mill-inqas 17-il sena.";

(11) il-punt FCL.120 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.120 LAPL – Eżami tal-għarfien teoriku**

L-applikanti għal LAPL għandhom juru livell ta' għarfien teoriku adattat għall-privileġġi mogħtija, permezz ta' eżamijiet dwar dawn li ġejjin:

(a) suġġetti komuni:

— Il-liġi tal-ajru,

— Il-prestazzjoni umana,

— Il-meteoroloġija,

— Il-komunikazzjonijiet, u

— In-navigazzjoni.

(b) suġġetti speċifiċi li jikkonċernaw il-kategoriji differenti ta' inġenji tal-ajru:

— Il-prinċipji tat-titjir,

— Il-proċeduri operattivi,

— L-eżekuzzjoni u l-ippjanar tat-titjiriet, u

— Għarfien ġenerali dwar l-inġenji tal-ajru.";

(12) fil-punt FCL.110.A, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Rekwiżiti speċifiċi għall-applikanti li jkollhom SPL maħruġa skont l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, inklużi l-privileġġi li jtajru TMGs. L-applikanti għal LAPL (A) li jkollhom SPL bil-privileġġi li jtajru TMGs għandhom ikunu lestew mill-inqas 21 siegħa ta' ħin ta' titjir fuq TMGs wara l-approvazzjoni tal-privileġġi tat-TMG, u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-punt FCL.135.A(a) dwar l-ajruplani.";

(13) fil-punt FCL.135.A, jiżdied il-paragrafu (c) li ġej:

"(c) L-applikanti għall-estensjoni tal-privileġġi ta' LAPL(A) għal TMG li jkollhom ukoll SPL skont l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, inklużi l-privileġġi li jtiru fuq TMGs, għandhom jirċievu krediti sħaħ lejn ir-rekwiżiti fil-paragrafu (a).";

(14) It-Taqsimiet 4 u 5 tas-Subparti B jitħassru;

(15) it-titolu tas-Subparti C huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**LIĊENZJA TA' BDOT PRIVAT (PPL)"**;

(16) il-punt FCL.200 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.200 Età minima**

L-applikanti għal PPL għandu jkollhom mill-inqas 17-il sena.";

(17) fil-punt FCL.210, il-paragrafi (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) L-applikanti għal PPL għandhom ilestu kors ta' taħriġ f'ATO jew f'DTO.

(b) Il-kors għandu jinkludi għarfien teoriku u tagħlim fit-titjir li jkunu adattati għall-privileġġi tal-PPL li tkun saret applikazzjoni għaliha.";

(18) il-punt FCL.215 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.215 Eżami tal-għarfien teoriku**

L-applikanti għal PPL għandhom juru livell ta' għarfien teoriku adattat għall-privileġġi mogħtija permezz ta' eżamijiet dwar is-suġġetti li ġejjin:

(a) suġġetti komuni:

— Il-liġi tal-ajru,

— Il-prestazzjoni umana,

— Il-meteoroloġija,

— Il-komunikazzjonijiet; u

— In-navigazzjoni.

(b) suġġetti speċifiċi li jikkonċernaw il-kategoriji differenti ta' inġenji tal-ajru:

— Il-prinċipji tat-titjir,

— Il-proċeduri operattivi,

— L-eżekuzzjoni u l-ippjanar tat-titjiriet, u

— Għarfien ġenerali dwar l-inġenji tal-ajru.";

(19) il-punt FCL.235 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Billi jwettqu test tal-ħiliet, l-applikanti għal PPL għandhom juru l-kapaċità li jaġixxu bħala PIC fil-kategorija xierqa tal-inġenji tal-ajru, l-għarfien tagħhom tal-proċeduri u l-manuvri rilevanti bil-kompetenza xierqa għall-privileġġi mogħtija.";

(b) il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-applikanti għat-test tal-ħiliet għandhom ikunu rċevew tagħlim fit-titjir bl-istess klassi jew tip ta' inġenju tal-ajru li jintuża għat-test tal-ħiliet.";

(20) fil-punt FCL.210.A, il-paragrafu (c) huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(c) Rekwiżiti speċifiċi għall-applikanti li jkollhom SPL maħruġa skont l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, inklużi l-privileġġi li jtajru TMGs. L-applikanti għal PPL(A) li jkollhom SPL bil-privileġġi li jtajru TMGs għandhom ikunu lestew:";

(b) is-subparagrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) tal-inqas 24 siegħa ta' ħin tat-titjir fuq TMG wara l-approvazzjoni tal-privileġġi ta' TMG; u";

(21) fil-punt FCL.210.As, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-applikanti li jkollhom BPL maħruġ skont l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u li jkunu kwalifikati li jtajru airships li jaħdmu bl-arja sħuna għandhom jiġu kkreditati b'10 % tal-ħin totali tat-titjir tagħhom bħala PIC fuq tali airships u sa massimu ta' 5 sigħat.";

(22) fis-Subparti C, jitħassru t-Taqsimiet 5 u 6;

(23) il-punt FCL.600 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.600 IR — General**

Ħlief kif previst fil-paragrafu FCL.835, l-operazzjonijiet taħt IFR fuq ajruplan, ħelikopter, airship jew inġenju tal-ajru powered-lift, għandhom jitwettqu biss minn detenturi ta' PPL, CPL, MPL, u ATPL b'IR adattata għall-kategorija tal-inġenju tal-ajru jew, jekk IR adattata għall-kategorija ta' inġenji tal-ajru ma tkunx disponibbli, meta jitwettaq l-ittestjar tal-ħiliet jew struzzjoni tat-titjir b'żewġ bdoti.";

(24) fil-punt FCL.620, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) L-applikanti li jkunu lestew test tal-ħiliet għal IR b'aktar minn magna waħda f'ajruplan b'aktar minn magna waħda u bi bdot wieħed li għalih hija meħtieġa kwalifika tal-klassi, għandha tinħarġilhom IR b'magna waħda għall-kwalifika tal-klassi jew tat-tip ta' ajruplan b'magna waħda li jkollhom.";

(25) fil-punt FCL.700, il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Id-detenturi ta' liċenzja ta' bdot għandhom jaġixxu bħala bdoti ta' inġenju tal-ajru biss jekk ikollhom kwalifika valida u xierqa tal-klassi jew tat-tip, sakemm ma tapplikax kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(1) jekk qed jeżerċitaw il-privileġġi ta' LAPL;

(2) jekk qed iwettqu testijiet tal-ħiliet jew kontrolli tal-proficjenza għat-tiġdid tal-kwalifiki tal-klassi jew tat-tip;

(3) jekk jirċievu tagħlim fit-titjir;

(4) jekk ikollhom kwalifika ta' test tat-titjira maħruġa skont il-punt FCL.820.";

(26) fil-punt FCL.725, jiżdied il-paragrafu (f) li ġej:

"(f) L-applikanti għal kwalifika tal-klassi għal TMGs li jkollhom ukoll SPL skont l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, inkluż il-privileġġi biex itiru fuq TMGs, għandhom jirċievu krediti sħaħ fir-rigward tar-rekwiżiti fil-paragrafi (a), (b) u (c).";

(27) il-punt FCL.740.A huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a)(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Ir-rivalidazzjoni ta' BIR jew IR(A), għal min għandu, tista' tiġi kkombinata ma' kontroll tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni ta' kwalifika tal-klassi jew tat-tip.";

(b) il-paragrafu (b)(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Kwalifiki tal-klassi ta' ajruplani b'magna waħda bil-pistuni u kwalifiki tal-klassi tat-TMG. Għar-rivalidazzjoni ta' kwalifiki tal-klassi ta' ajruplani bi bdot wieħed u b'magna waħda bil-pistuni jew kwalifiki tal-klassi tat-TMG, l-applikanti għandhom:";

(c) jiżdied il-paragrafu (b)(5) li ġej:

"(5) Il-kontroll tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni ta' kwalifika tal-klassi ta' ajruplan b'magna waħda u bi bdot wieħed jista' jiġi kkombinat mal-kontroll tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni ta' BIR, skont il-punt FCL.835(g)(8).";

(28) il-punt FCL.800 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Id-detenturi ta' liċenzja ta' bdot bi privileġġi li jtajru ajruplani jew TMGs għandhom jagħmlu titjiriet ajrubatiċi biss jekk ikollhom kwalifika ajrubatika skont dan il-punt.";

(b) il-paragrafu (b)(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) wara l-ħruġ tal-liċenzja, mill-inqas 30 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala PIC f'ajruplani jew TMGs;";

(c) il-paragrafu (b)(2)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) mill-inqas 5 sigħat ta' tagħlim ajrubatiku f'ajruplani jew TMGs li jittajru bil-qawwa tal-magna.";

(d) il-paragrafu (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Il-privileġġi tal-kwalifika ajrubatika għandhom ikunu limitati għal titjir ajrubatiku jew f'ajruplani jew f'TMGs li jittajru bil-qawwa tal-magna, skont għal liema inġenju tal-ajru ntlaħqu r-rekwiżiti ta' (b)(1) u (b)(2)(ii). Din il-limitazzjoni għandha titneħħa mal-applikazzjoni jekk il-bdot ikun lesta b'suċċess mill-inqas 3 titjiriet ta' taħriġ b'żewġ bdoti f'ajruplani jew TMGs li jittajru bil-qawwa tal-magna, kif ikun applikabbli, li jkopru s-sillabu kollu tat-taħriġ ajrubatiku.";

(e) jiżdied il-paragrafu (d) li ġej:

"(d) L-applikanti għal kwalifika ajrubatika li jkollhom ukoll kwalifika tal-klassi tat-TMG kif ukoll privileġġi ajrubatiċi avvanzati għal gliders bil-privileġġi kif speċifikat fil-punt SFCL.200(d) tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, għandhom:

(1) ikunu eżentati milli jkollhom il-kwalifika ajrubatika tagħhom limitata għall-ajruplani, kif speċifikat fil-paragrafu (c) jekk ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti ta' (b)(1) u (b)(2)(ii) f'ajruplani, jew

(2) jingħataw kreditu sħiħ lejn ir-rekwiżiti fil-paragrafu (b) għall-ħruġ ta' kwalifika ajrubatika ristretta għal TMGs li jittajru bil-qawwa tal-magna. Din il-limitazzjoni għandha titneħħa mal-applikazzjoni jekk il-bdot ikun lesta t-taħriġ kif speċifikat fil-paragrafu (c).";

(29) il-punt FCL.805 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b)(2)(iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) għajr għad-detenturi ta' SPL skont l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, 5 titjiriet ta' familjarizzazzjoni fi glider li jiġi llanċjat minn inġenju tal-ajru.";

(b) jiżdied il-paragrafu (g) li ġej:

"(g) L-applikanti għal kwalifika tal-ġbid ta' gliders u l-ġbid ta' strixxuni fuq TMGs skont dan il-punt għandhom jingħataw kreditu sħiħ lejn ir-rekwiżiti tal-paragrafu (b) jew (c), kif applikabbli, jekk ikollhom kwalifika tal-ġbid ta' gliders jew ġbid ta' strixxuni skont il-punt SFCL.205 tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli, jew jekk ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti kollha għall-ħruġ ta' dik il-kwalifika.";

(30) il-punt FCL.810 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) huwa emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-applikanti għandhom ikunu lestew kors ta' taħriġ f'perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur f'DTO jew f'ATO biex jeżerċitaw il-privileġġi ta' LAPL jew PPL għall-ajruplani, it-TMGs jew l-airships f'kundizzjonijiet VFR billejl. Il-kors għandu jinkludi:";

(ii) jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:

"(4) "L-applikanti għal kwalifika ta' billejl għall-ajruplani jew TMGs skont dan is-subparagrafu għandhom jingħataw kreditu sħiħ lejn ir-rekwiżiti tas-subparagrafi (1) u (2) jekk ikollhom kwalifika ta' billejl ta' TMG skont il-punt SFCL.210 tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, jew jekk ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti kollha għall-ħruġ ta' dik il-kwalifika.";

(b) il-paragrafu (c) jitħassar;

(31) fil-punt FCL.815, is-sentenza introduttorja tal-paragrafu (a) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(a) Privileġġi. Il-privileġġi tad-detentur ta' kwalifika tat-titjir fil-muntanji huma li jwettaq titjiriet b'ajruplani jew TMGs għal u minn superfiċji li huma indikati li jeħtieġu tali kwalifika mill-awtoritajiet xierqa maħtura mill-Istati Membri..

Id-detenturi ta' LAPL jew PPL bil-privileġġi li jtajru ajruplani jew TMGs jistgħu jiksbu l-kwalifika tat-titjir fil-muntanji inizjali, jew fi:";

(32) il-punt FCL.825 jitħassar;

(33) il-punt FCL.830 jitħassar;

(34) jiddaħħal il-punt FCL.835 li ġej:

"**FCL.835 Kwalifika bażika tat-titjir bl-istrumenti (BIR)**

(a) Privileġġi u kundizzjonijiet

(1) Il-privileġġi ta' detentur ta' BIR huma li jwettaq titjiriet skont l-IFR fuq ajruplani bi bdot wieħed li għalihom għandu kwalifiki tal-klassi, bl-eċċezzjoni ta' ajruplani u varjanti ta' ajruplani bi prestazzjoni għolja jekk id-*data* tal-adegwatezza operattiva tkun iddeterminat li hija meħtieġa IR.

(2) Il-privileġġi tal-BIR għandhom jiġu eżerċitati biss skont il-punt FCL.205.A.

(3) Il-privileġġi tal-BIR jistgħu jiġu eżerċitati billejl jekk il-bdot ikollu kwalifika ta' billejl skont il-punt FCL.810 biss.

(4) Il-privileġġi ta' BIR b'aktar minn magna waħda għandhom ikunu validi wkoll fuq l-ajruplani b'magna waħda li għalihom il-bdot ikollu kwalifika valida tal-klassi ta' magna waħda.

(5) L-eżerċitar tal-privileġġi tal-BIR għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-altitudni deċiżjonali (DH) jew l-għoli minimu ta' nżul (MDH) użati fil-valuri minimi operattivi tal-ajrudrom għandhom ikunu mill-inqas 200 pied aktar minn dak li kieku jiġi kkalkulat skont il-punt "NCO.OP.110 Il-valuri minimi operattivi tal-ajrudrom — l-ajruplani u l-ħelikopters" u l-punt "NCO. OP.111 Valuri minimi operattivi tal-ajrudrom — operazzjonijiet NPA, APV, CAT I" tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 965/2012; u

(ii) il-viżibbiltà li tintuża fil-valuri minimi tal-ajrudrom ma għandhiex tkun inqas minn 1 500 m;

(iii) il-bdot fil-kmand ma għandux jibda titjira taħt l-IFR jew iwettaq tranżizzjoni minn VFR għal IFR, sakemm:

(A) fl-ajrudrom tat-tluq, il-viżibbiltà tkun ta' mill-inqas 1 500 m u l-limitu tal-bażi tas-sħab ikun mill-inqas 600 pied, jew il-minimu ppubblikat tad-dawran applikabbli għall-kategorija tal-ajruplan, skont liema jkun l-ikbar; u

(B) fl-ajrudrom tad-destinazzjoni u fi kwalunkwe ajrudrom alternattiv meħtieġ, l-informazzjoni meteoroloġika attwali disponibbli tindika, għall-perjodu minn siegħa qabel sa siegħa wara l-ħin stmat tal-wasla, jew mill-ħin reali tat-tluq sa siegħa wara l-ħin stmat tal-wasla, ikun liema jkun l-iqsar perjodu, viżibbiltà ta' mill-inqas 1 500 m u limitu tal-bażi tas-sħab ta' mill-inqas 600 pied, jew il-minimu ppubblikat tad-dawran applikabbli għall-kategorija tal-ajruplan, jew id-DH/l-MDH miżjud b'200 pied skont (i), skont liema minnhom ikun l-ikbar.

(b) Prerekwiżiti. L-applikanti għall-BIR għandu jkollhom mill-inqas PPL(A).

(c) Kors ta' taħriġ. L-applikanti għall-BIR għandhom ikunu lestew f'ATO:

(1) it-tagħlim tal-għarfien teoriku f'konformità mal-punt FCL.615(a); u

(2) tagħlim fit-titjir li jinkludi l-moduli tat-tagħlim fit-titjir bl-istrumenti li ġejjin:

(i) modulu 1 — il-modulu ewlieni ta' taħriġ fit-titjir dwar il-ħiliet tal-immaniġġjar tat-titjir b'referenza unika għall-istrumenti;

(ii) modulu 2 — il-modulu tat-taħriġ fit-titjir applikat tal-proċeduri tat-tluq, iż-żamma, l-avviċinament f'2D u 3D tal-IFR;

(iii) modulu 3 — il-modulu ta' taħriġ fit-titjir applikat tal-proċeduri tat-titjir tal-IFR tul ir-rotta; u

(iv) modulu 4 — jekk hija mfittxa BIR b'aktar minn magna waħda, il-modulu tat-taħriġ fit-titjir applikat b'magna waħda wieqfa għandu jinkludi avviċinament bl-istrument asimmetriku u proċeduri ta' tidwir; u

(3) tagħlim tat-titjir li huwa konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) Il-modulu speċifikat fil-paragrafu (c)(2)(i) għandu jitlesta l-ewwel. Il-moduli speċifikati fil-paragrafi (c)(2)(ii) u (c)(2)(iii), u jekk applikabbli (c)(2)(iv), jistgħu jitlestew f'ordni magħżula mill-applikant.

(ii) Il-moduli speċifikati fil-paragrafu (c)(2) jistgħu jitlestew fl-ajruplani, fl-FSTDs jew f'kombinazzjoni tagħhom. Fi kwalunkwe każ, l-applikant għandu jirċievi taħriġ fl-ajruplan li jkun se jintuża għat-test tal-ħiliet.

(iii) Il-moduli speċifikati fil-paragrafi (c)(2)(i), (c)(2)(ii) u (c)(2)(iv) jistgħu jinbdew barra ATO iżda għandhom jitlestew f'ATO. Il-modulu speċifikat fil-punt (c)(2)(iii) jista' jitlesta barra ATO.

(iv) Qabel ma jibda l-modulu speċifikat fil-paragrafu (c)(2)(iv), bdot li ma jkollux kwalifika tal-klassi jew tat-tip ta' ajruplan b'aktar minn magna waħda għandu jkun irċieva t-taħriġ b'aktar minn magna waħda speċifikat fis-Subparti H ta' dan l-Anness (Parti-FCL).

(d) Għarfien teoriku. Qabel ma jagħmel it-test tal-ħiliet u permezz ta' eżamijiet fis-suġġetti msemmija fil-punt FCL.615(b), l-applikanti għandhom juru livell ta' għarfien teoriku li jkun adattat għall-privileġġi mogħtija. L-eżami tal-għarfien teoriku għandu jikkonsisti f'karta tal-eżami waħda assoċjata ma' kull modulu kif speċifikat fil-paragrafi (c)(2)(i), (c)(2)(ii) u (c)(2)(iii).

(e) Test tal-ħiliet. Wara t-tlestija tal-kors ta' taħriġ speċifikat fil-paragrafu (c), l-applikanti għandhom jgħaddu minn test tal-ħiliet f'ajruplan skont l-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness. Għal BIR b'aktar minn magna waħda, it-test tal-ħiliet għandu jsir f'ajruplan b'aktar minn magna waħda. Għal BIR b'magna waħda, it-test tal-ħiliet għandu jsir f'ajruplan b'magna waħda. Ajruplan b'aktar minn magna waħda fiż-żaqq għandu jitqies li huwa ajruplan b'magna waħda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

(f) B'deroga mill-paragrafu (d), id-detenturi ta' BIR għal inġenji b'magna waħda li jkollhom ukoll kwalifika tal-klassi ta' inġenji b'aktar minn magna waħda u li jixtiequ jiksbu BIR għal inġenji b'aktar minn magna waħda għall-ewwel darba, għandhom itemmu kors ta' taħriġ f'ATO li jinkludi t-taħriġ speċifikat fil-paragrafu (c)(2)(iv) u għandhom jgħaddu mit-test tal-ħiliet imsemmi fil-paragrafu (e).

(g) Validità, rivalidazzjoni u tiġdid

(1) BIR għandha tkun valida għal sena.

(2) L-applikanti għal rivalidazzjoni ta' BIR għandhom:

(i) f'perjodu ta' tliet xhur immedjatament qabel id-data ta' skadenza tal-kwalifika, jgħaddi minn kontroll tal-proficjenza skont l-Appendiċi 9 ta' din il-Parti; jew

(ii) fil-perjodu ta' validità, ilesti 6 sigħat bħala PIC taħt l-IFR inklużi tliet proċeduri ta' avviċinament bl-istrumenti, u jlesti titjira ta' taħriġ ta' mill-inqas siegħa ma' għalliem li jkollu l-privileġġi li jippprovdi taħriġ għall-BIR.

(3) Għal kull rivalidazzjoni sussegwenti alternata, id-detentur tal-BIR għandu jgħaddi b'suċċess minn kontroll tal-proficjenza skont il-paragrafu (2)(i) f'ajruplan.

(4) Jekk il-bdot jagħżel li jissodisfa r-rekwiżiti ta' rivalidazzjoni speċifikati fil-paragrafu (g)(2)(i) aktar kmieni milli stipulat f'dak il-paragrafu, il-perjodu l-ġdid tal-validità għandu jibda mid-data tal-kontroll tal-proficjenza.

(5) L-applikanti li ma jgħaddux mit-taqsimiet rilevanti ta' kontroll tal-proficjenza tal-BIR qabel id-data ta' skadenza tal-BIR ma għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi tal-BIR qabel ma jkunu għaddew mill-kontroll tal-proficjenza.

(6) Jekk BIR tkun skadiet, sabiex iġeddu l-privileġġi tagħhom, l-applikanti għandhom:

(i) fejn ikun meħtieġ biex jintlaħaq il-livell ta' proficjenza meħtieġ, ilestu taħriġ ta' aġġornament ipprovdut minn ATO jew, jekk il-BIR ikun ilu li skada tliet snin jew inqas, minn għalliem li jkollu l-privileġġi li jippprovdi taħriġ għall-BIR; u

(ii) jgħaddi minn kontroll tal-proficjenza f'ajruplan.

(7) Għal BIR għal inġenji b'aktar minn magna waħda, il-kontroll tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni jew it-tiġdid, kif ukoll it-taħriġ ta' titjir meħtieġ fil-paragrafu (g)(2)(ii) għandhom jitlestew f'ajruplan b'aktar minn magna waħda.

(8) Il-kontroll tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' BIR jista' jiġi kkombinat ma' kontroll tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' kwalifika tal-klassi ta' ajruplan bi bdot wieħed li fuqha jistgħu jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-BIR skont il-punt FCL.835(a)(1).

(h) L-applikanti għall-BIR li jkollhom PPL jew FCL maħruġa skont l-Anness I (il-Parti-FCL) u IR(A) valida maħruġa skont ir-rekwiżiti tal-Anness 1 tal-Konvenzjoni ta' Chicago minn pajjiż terz jistgħu jiġu kkreditati b'mod sħiħ għar-rekwiżiti tal-kors ta' taħriġ imsemmija fil-paragrafu (c)(2). Sabiex tinħarġilhom il-BIR, l-applikanti għandhom:

(1) itemmu b'suċċess it-test tal-ħiliet imsemmi fil-paragrafu (e);

(2) juru bil-fomm lill-eżaminatur matul it-test tal-ħiliet li huma kisbu livell adegwat ta' għarfien teoriku tal-liġi tal-ajru, il-meteoroloġija, u l-ippjanar u l-prestazzjoni tat-titjiriet; u

(3) ikollhom esperjenza minima ta' mill-anqas 25 siegħa ta' ħin ta' titjir taħt IFR bħala PIC fuq l-ajruplani.

(i) Id-detentur ta' IR għandu jirċievi krediti sħaħ lejn ir-rekwiżit fil-paragrafu (c)(2).";

(35) il-punt FCL.915(c)(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Kreditu għal aktar ċertifikati ta' għalliem u għall-fini ta' rivalidazzjoni:

(1) Kreditu sħiħ għall-ħiliet li wieħed jgħallem u jitgħallem jista' jingħata lil:

(i) detenturi ta' ċertifikat ta' għalliem li japplikaw għal aktar ċertifikati ta' għalliem; u

(ii) applikanti għal ċertifikat ta' għalliem li diġà jkollhom ċertifikat ta' għalliem maħruġ skont l-Anness III (il-Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 jew l-Anness III (il-Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976.";

(36) il-punt FCL.905.FI huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) PPL u LAPL fil-kategorija tal-inġenju tal-ajru adattata;";

(b) il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) kwalifiki tal-klassi u tat-tip għal inġenji tal-ajru bi bdot wieħed, għajr għall-ajruplani kumplessi ta' prestazzjoni għolja bi bdot wieħed;

(c) il-paragrafu (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) kwalifika tal-ġbid jew dik ajrubatika, dment li wieħed ikollu dawn il-privileġġi u l-FI jkun wera l-kapaċità li jgħallem għal dik il-kwalifika lil FI li huwa kkwalifikat skont il-punt (j);";

(d) il-paragrafu (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) BIR jew IR fil-kategorija tal-inġenju tal-ajru adattata, dment li l-FI jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) ikunu lestew bħala bdoti studenti l-kors ta' taħriġ tal-IRI u jkunu għaddew minn valutazzjoni ta' kompetenza għaċ-ċertifikat tal-IRI;

(2) jikkonformaw mal-punti FCL.915.CRI(a), FCL.930.CRI u FCL.935 fil-każ ta' ajruplani b'aktar minn magna waħda u mal-punti FCL.910.TRI(c)(1) u FCL.915.TRI(d)(2) fil-każ ta' ħelikopters b'aktar minn magna waħda;

Flimkien mal-kundizzjonijiet (1) u (2):

(3) jekk matul kors ta' taħriġ approvat f'ATO, l-FI ikun qed jipprovdi taħriġ f'FSTDs jew ikun qed jissorvelja titjiriet ta' taħriġ ta' SPIC li jsiru skont l-IFR, l-FI għandu jkun lesta mill-inqas 50 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR wara l-ħruġ tal-BIR jew tal-IR, li minnhom massimu ta' 10 sigħat jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art f'FFS, FTD 2/3 jew FNPT II;

(4) jekk l-FI qed jipprovdi taħriġ f'inġenju tal-ajru, l-FI għandu jkun lesta mill-inqas 200 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR, li minnhom sa 50 siegħa jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art f'FFS, FTD 2/3 jew FNPT II."

(e) il-paragrafu (j)(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) ikunu lestew mill-inqas 500 siegħa ta' tagħlim fit-titjir fil-kategorija tal-inġenju tal-ajru adattata;";

(37) il-punt FCL.910.FI huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) għall-ħruġ tal-PPL u LAPL;";

(ii) il-punt (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) "għal kwalifiki tal-klassi u tat-tip għal inġenji tal-ajru b'magna waħda u bi bdot wieħed, ħlief għall-ajruplani kumplessi ta' prestazzjoni għolja bi bdot wieħed;";

(b) fil-paragrafu (c), il-punt (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) għall-FI(As), 15-il siegħa jew 50 tlugħ mill-art ta' tagħlim fit-titjir li jkopru s-sillabu sħiħ tat-taħriġ għall-ħruġ ta' PPL(As).";

(38) fil-punt FCL.915.FI, il-paragrafi (e) u (f) huma mħassra;

(39) il-paragrafu (b) tal-punt FCL.930.FI huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) mill-inqas 100 siegħa ta' tagħlim fl-għarfien teoriku, inklużi t-testijiet tal-progress;";

(b) fil-paragrafu (3):

(i) il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) fil-każ ta' FI(As), mill-inqas 20 siegħa ta' tagħlim fit-titjir, li minnhom 15-il siegħa għandhom ikunu tagħlim fit-titjir b'żewġ bdoti.";

(ii) il-punti (iii), (iv) u (v) huma mħassra;

(c) il-paragrafu (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Applikanti għal ċertifikat tal-FI f'kategorija oħra ta' inġenji tal-ajru li jkollhom jew li kellhom FI(A), (H) jew (As) għandhom jiġu kkreditati b'55 siegħa b'rabta mar-rekwiżit fil-punt (b)(2).";

(40) il-paragrafu (a) tal-punt FCL.940.FI huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (1)(i)(A) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(A) fil-każ ta' FI(A) u FI(H), mill-inqas 50 siegħa ta' tagħlim fit-titjir fil-kategorija tal-inġenju tal-ajru adattata bħala FIs, TRIs, CRIs, IRIs, MIs jew eżaminaturi. Jekk il-privileġġi għat-tagħlim tal-BIR u l-IR għandhom jiġu rivalidati, 10 minn dawk il-50 siegħa għandhom ikunu tagħlim fit-titjir għal BIR jew IR u għandhom ikunu tlestew fl-aħħar 12-il xahar eżatt qabel id-data ta' skadenza taċ-ċertifikat tal-FI;";

(b) il-paragrafi (1)(i)(C) u (1)(i)(D) jitħassru;

(c) il-paragrafu (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Għal mill-inqas kull rivalidazzjoni alternata, fil-każ ta' FI(A) jew FI(H), jew kull tielet rivalidazzjoni, fil-każ ta' FI(As), id-detenturi taċ-ċertifikat ta' FI rilevanti għandhom jgħaddu minn valutazzjoni tal-kompetenza skont il-punt FCL.935.";

(41) fil-punt FCL.905.TRI, il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid ta' IR, sakemm it-TRI jkollu IR valida;";

(42) fil-punt FCL.905.IRI, il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Il-privileġġi tal-IRIs jippermettu li jingħataw taħriġ għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid ta' BIR u IR fil-kategorija ta' inġenji tal-ajru adattata.";

(43) il-punt FCL.915.IRI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.915 IRI**

Applikanti għal ċertifikat ta' IRI għandhom:

(a) fil-każ ta' IRI(A):

(1) biex jipprovdu taħriġ fl-FSTDs matul kors ta' taħriġ approvat f'ATO, ikunu lestew mill-inqas 200 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR wara l-ħruġ tal-BIR jew tal-IR, li minnhom mill-inqas 50 siegħa għandhom ikunu fl-ajruplani;

(2) biex jipprovdu taħriġ f'ajruplan, ikunu lestew mill-inqas 800 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR, li minnhom mill-inqas 400 siegħa għandhom ikunu fl-ajruplani;

(3) biex japplikaw għal IRI(A) għal ajruplani b'aktar minn magna waħda, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punti FCL.915.CRI(a), FCL.930.CRI u FCL.935;

(b) għal IRI(H):

(1) biex jipprovdu taħriġ fl-FSTDs matul kors ta' taħriġ approvat f'ATO, ikunu lestew mill-inqas 125 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR wara l-ħruġ tal-IR, li minnhom mill-inqas 65 siegħa għandhom ikunu ħin ta' titjir bl-istrumenti f'ħelikopters;

(2) biex jipprovdu taħriġ f'ħelikopter, ikunu lestew mill-inqas 500 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR, li minnhom mill-inqas 250 siegħa għandhom ikunu ħin ta' titjir bl-istrumenti f'ħelikopters; u

(3) biex japplikaw għal IR(H) għal ħelikopters b'aktar minn magna waħda, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt FCL.905.FI(h)(2);

(c) L-applikanti għal ċertifikat ta' IRI(As) għandhom ikunu lestew mill-inqas 300 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR, li minnhom mill-inqas 100 siegħa għandhom ikunu ħin ta' titjir bl-istrumenti f'airships.";

(44) fil-punt FCL.905.STI, il-paragrafu (a)(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) il-ħruġ, ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' BIR u IR u kwalifika tal-klassi jew tat-tip għal inġenji tal-ajru bi bdot wieħed, għajr għal ajruplani kumplessi ta' prestazzjoni għolja bi bdot wieħed.";

(45) fil-punt FCL.1005.FE, il-paragrafi (d) u (e) jitħassru.

(46) fil-punt FCL.1005.TRE, il-paragrafu (a)(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) kontrolli tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni jew it-tiġdid tal-kwalifiki tat-tip u tal-IRs;";

(47) il-punt FCL.1005.CRE, il-paragrafu (b)(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) rivalidazzjoni u tiġdid ta' BIRs, sakemm is-CRE jkun lesta:

(i) 1 500 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdot tal-ajruplani; u

(ii) 450 siegħa ta' ħin ta' titjir skont IFR; u";

(48) il-punt FCL.1005.IRE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**FCL.1005 IRE IRE — Privileġġi**

Il-privileġġi tad-detenturi ta' ċertifikat ta' eżaminatur tal-kwalifika tat-titjir bl-istrumenti (IRE) huma li jwettaq testijiet tal-ħiliet għall-ħruġ ta' BIRs u IRs, u kontrolli tal-proficjenza għar-rivalidazzjoni u t-tiġdid tagħhom.";

(49) fil-punt FCL.1010.SFE, il-paragrafi (a)(1) u (2) huma emendati kif ġej:

"(a) SFE(A)

L-applikanti għal ċertifikat ta' SFE(A) għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(1) fil-każ ta' ajruplani b'aktar minn bdot wieħed:

(i) ikollhom jew kellhom ATPL(A) u kwalifika tat-tip;

(ii) ċertifikat ta' SFI(A) għat-tip ta' ajruplan applikabbli; u

(iii) ikunu wettqu mill-inqas 1500 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdoti fuq ajruplani b'aktar minn bdot wieħed;

(2) fil-każ ta' ajruplani kumplessi ta' prestazzjoni għolja bi bdot wieħed:

(i) ikollhom jew kellhom CPL(A) jew ATPL(A) u kwalifika tat-tip;

(ii) ċertifikat ta' SFI(A) għall-klassi jew it-tip ta' ajruplan applikabbli; u

(iii) ikunu wettqu mill-inqas 500 siegħa ta' ħin ta' titjir bħala bdoti fuq ajruplani bi bdot wieħed;"

(50) fil-punt FCL.1005.FIE, il-paragrafu (c) huwa emendat kif ġej:

"(c) FIE(As). Il-privileġġi ta' FIE fuq l-airships huma li jwettaq valutazzjonijiet tal-kompetenza għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' ċertifikati ta' għalliema tal-airships, sakemm ikollu ċ-ċertifikat ta' għalliem rilevanti.";

(51) fil-punt FCL.1010.FIE, il-paragrafi (d) u (e) jitħassru;

(52) L-Appendiċi 1 hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. **LAPL u PPL**";

(b) il-paragrafi 1.1 u 1.2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1.1. Għall-ħruġ ta' LAPL, id-detentur ta' LAPL f'kategorija oħra ta' inġenju tal-ajru għandu jkun ikkreditat b'mod sħiħ lejn ir-rekwiżiti ta' għarfien teoriku dwar is-suġġetti komuni stabbiliti fil-punt FCL.120(a).

1.2. Għall-ħruġ ta' LAPL jew ta' PPL, id-detenturi ta' PPL, CPL jew ATPL f'kategorija oħra ta' inġenji tal-ajru għandhom jiġu kkreditati lejn ir-rekwiżiti tal-għarfien teoriku dwar is-suġġetti komuni stabbiliti fil-punt FCL.215(a). Dan il-kreditu għandu japplika wkoll għal applikanti għal LAPL jew PPL li jkollhom BPL maħruġ skont l-Anness III (il-Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 jew SPL maħruġ skont l-Anness III (il-Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, ħlief li s-suġġett 'navigazzjoni' ma għandux jiġi kkreditat.";

(c) il-paragrafu 1.2a jitħassar;

(d) il-paragrafu 1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3. Għall-ħruġ ta' PPL, id-detentur ta' LAPL fl-istess kategorija ta' inġenji tal-ajru għandu jkun ikkreditat b'mod sħiħ lejn rekwiżiti tal-tagħlim u l-eżami tal-għarfien teoriku.";

(e) il-paragrafu 1.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.4. B'deroga mill-paragrafu 1.2, għall-ħruġ ta' LAPL(A), id-detentur ta' SPL maħruġ skont l-Anness III (il-Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1976 bil-privileġġi li jtajjar TMGs għandu juri livell adegwat ta' għarfien teoriku għall-klassi tal-ajruplani fuq l-art b'magna waħda bil-pistuni tal-art skont il-punt FCL.135.A(a)(2).";

(f) il-paragrafu 4.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4.1. Applikanti għal IR, jew għal BIR, li jkunu għaddew mill-eżamijiet teoriċi għal CPL fl-istess kategorija ta' inġenji tal-ajru, għandhom ikunu kkreditati lejn ir-rekwiżiti ta' għarfien teoriku fis-suġġetti li ġejjin:

— Il-prestazzjoni umana,

— Il-meteoroloġija.";

(53) L-Appendiċi 3 hija emendata kif ġej:

(a) fil-Kapitolu A, il-paragrafu li ġej il-punt 9(f)(3)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-applikanti li jkollhom BIR jew ċertifikat ta' tlestija tal-kors għall-Modulu Bażiku ta' Titjir bl-Istrumenti għandhom jiġu kkreditati b'sa 10 siegħat għall-ħin meħtieġ ta' tagħlim bl-istrumenti. Is-siegħat li jsiru f'BITD ma għandhomx jiġu kkreditati.";

(b) fil-Kapitolu C, il-paragrafu wara l-punt 8(e)(2)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-applikanti li jkollhom BIR jew ċertifikat ta' tlestija tal-kors għall-Modulu Bażiku ta' Titjir bl-Istrumenti għandhom jiġu kkreditati b'sa 10 siegħat għall-ħin meħtieġ ta' tagħlim bl-istrumenti. Is-siegħat li jsiru f'BITD ma għandhomx jiġu kkreditati; u";

(c) fil-Kapitolu D, il-punt 8(e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) 10 siegħat ta' tagħlim fit-titjir bl-istrumenti, li minnhom sa 5 siegħat jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art f'FNPT I, FTD 2, FNPT II jew FFS. L-applikanti li jkollhom BIR jew ċertifikat ta' tlestija tal-kors għall-Modulu Bażiku ta' Titjir bl-Istrumenti għandhom jiġu kkreditati b'sa 10 siegħat għall-ħin meħtieġ ta' tagħlim bl-istrumenti. Is-siegħat li jsiru f'BITD ma għandhomx jiġu kkreditati;";

(d) fil-Kapitolu E, il-punt (a) fil-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ikun wettaq 150 siegħa ta' ħin ta' titjir; inklużi 50 siegħa bħala PIC f'ajruplani li minnhom 10 sigħat għandhom ikunu cross-country.

Għajr għar-rekwiżit ta' 50 siegħa bħala PIC fl-ajruplani, is-sigħat bħala PIC f'kategoriji oħra ta' inġenji tal-ajru jistgħu jammontaw għall-150 siegħa ta' ħin ta' titjir fuq l-ajruplani fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(1) 20 siegħa f'ħelikopters, jekk l-applikanti jkollhom PPL(H);

(2) 50 siegħa f'ħelikopters, jekk l-applikanti jkollhom CPL(H);

(3) 10 sigħat f'TMGs jew gliders;

(4) 20 siegħa f'airship, jekk l-applikanti jkollhom PPL(As);

(5) 50 siegħa f'airship, jekk l-applikanti jkollhom CPL(As).";

(e) fil-Kapitolu E, il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-applikanti li jkollhom IR(A) valida għandhom ikunu kkreditati lejn il-ħin ta' tagħlim fit-titjir bl-istrumenti ma' bdot ieħor. L-applikanti li jkollhom IR(H) valida għandhom ikunu kkreditati sa 5 sigħat ta' ħin ta' tagħlim ta' titjir bl-istrumenti b'żewġ bdoti, u f'dan il-każ mill-inqas 5 sigħat ta' ħin ta' tagħlim ta' titjir bl-istrumenti b'żewġ bdoti għandhom jingħataw f'ajruplan. L-applikanti li jkollhom BIR jew Ċertifikat ta' Tlestija tal-Kors għall-Modulu Bażiku ta' Titjir bl-Istrumenti għandhom jiġu kkreditati b'sa 10 sigħat lejn il-ħin meħtieġ ta' tagħlim bl-istrumenti.";

(f) fil-Kapitolu E, il-punt 12(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) 10 sigħat ta' tagħlim fit-titjir bl-istrumenti, li minnhom sa 5 sigħat jistgħu jkunu ħin ta' titjir bl-istrumenti fuq l-art f'FNPT I jew FNPT II jew FFS. L-applikanti li jkollhom BIR jew ċertifikat ta' tlestija tal-kors għall-Modulu Bażiku ta' Titjir bl-Istrumenti għandhom jiġu kkreditati b'sa 10 sigħat għall-ħin meħtieġ ta' tagħlim bl-istrumenti. Is-sigħat li jsiru f'BITD ma għandhomx jiġu kkreditati;";

(54) fl-Appendiċi 6, il-Kapitolu A huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Applikanti għal kors ta' IR(A) modulari għandhom ikunu detenturi ta' PPL(A) jew CPL(A). Applikanti għall-Modulu tat-Titjir bl-Istrumenti Proċedurali, li ma jkollhomx CPL(A), għandhom ikunu detenturi ta' BIR jew ta' Ċertifikat ta' Tlestija tal-Kors għall-Modulu Bażiku tat-Titjir bl-Istrumenti.";

(b) il-paragrafu 10.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10.1. Id-detenturi ta' CPL(A), ta' BIR, jew ta' Ċertifikat ta' Tlestija tal-Kors għall-Modulu Bażiku tat-Titjir bl-Istrumenti għandhom jiġu kkreditati b'sa 10 sigħat lejn l-ammont totali ta' taħriġ meħtieġ fil-paragrafi 7 jew 8 ta' hawn fuq";

(55) fl-Appendiċi 6, il-Kapitolu Aa huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 9 u 10 għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala 11 u 12;

(b) il-paragrafi 9 u 10 jiddaħħlu kif ġej:

"9. L-applikanti għall-IR(A) modulari bbażata fuq il-kompetenzi li jkollhom BIR skont il-punt FCL.835 u li rċevew mill-inqas 10 sigħat ta' ħin ta' titjir bl-istrumenti waqt tagħlim f'ATO jistgħu jiġu kkreditati lejn il-kors ta' taħriġ imsemmi fil-paragrafu 4, sakemm is-suġġetti kollha ta' klassifika tal-istrumenti bbażati fuq il-kompetenzi jkunu ġew inklużi f'dak it-taħriġ mill-BIR, u ġew ivvalutati mill-ATO li tipprovdi l-kors ta' taħriġ modulari fit-titjir ibbażat fuq il-kompetenzi.

10. L-applikanti għall-IR(A) modulari bbażata fuq il-kompetenzi li jkollhom BIR u li għandhom esperjenza ta' mill-inqas 50 siegħa ta' ħin ta' titjir skont l-IFR bħala PIC fuq l-ajruplani għandhom:

(a) f'ATO:

(i) jiġu vvalutati li għandhom standard aċċettabbli ta' għarfien teoriku dwar il-klassifika tal-istrumenti bbażat fuq il-kompetenzi;

(ii) jirċievu taħriġ adattat fit-titjir biex jiġu estiżi l-privileġġi ta' IFR skont FCL.605.IR(a);

(b) wara li (a) ikun tlesta;

(i) itemmu t-test tal-ħiliet għall-IR(A) b'suċċess skont l-Appendiċi 7;

(ii) juru bil-fomm lill-eżaminatur matul it-test tal-ħiliet li huma kisbu livell adegwat ta' għarfien teoriku tal-liġi tal-ajru, il-meteoroloġija, u l-ippjanar u l-prestazzjoni tat-titjiriet.";

(56) L-Appendiċi 7 hija emendata kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'"**test tal-ħiliet ta' BIR u I R**";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-applikanti għandhom ikunu ngħataw tagħlim dwar l-istess klassi jew tip ta' inġenju tal-ajru li jintuża fit-test li għandu jkun mgħammar kif xieraq għall-għanijiet tat-taħriġ u tal-ittestjar.";

(c) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-applikanti għandhom jindikaw lill-eżaminatur il-kontrolli u d-dmirijiet imwettqa, inkluża l-identifikazzjoni tal-faċilitajiet tar-radju. Il-kontrolli għandhom jitwettqu skont il-lista ta' kontroll awtorizzata għall-inġenju tal-ajru li fuqu jkun qed isir it-test. Matul il-preparazzjoni ta' qabel it-titjira għat-test, l-applikanti għandhom jiddeterminaw il-konfigurazzjonijiet tal-enerġija u l-veloċitajiet. L-applikanti għandhom jikkalkulaw id-*data* tal-prestazzjoni għat-tlugħ, l-avviċinament u l-inżul f'konformità mal-manwal tal-operat jew mal-manwal tat-titjir għall-inġenju tal-ajru użat.";

(d) fil-paragrafu 11, fl-aħħar tat-tabella għal "ajruplani", il-kliem tan-nota ta' qiegħ il-paġna (++) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(++) Biex jiġu stabbiliti l-privileġġi ta' PBN, avviċinament wieħed fit-Taqsima 4 jew fit-Taqsima 5 għandu jkun RNP APCH. Fejn RNP APCH mhijiex prattikabbli, din għandha titwettaq f'FSTD mgħammar b'mod xieraq.";

(e) fil-paragrafu 11, fl-aħħar tat-tabella għal "ħelikopters", il-kliem tan-nota ta' qiegħ il-paġna (+) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(+) Biex jiġu stabbiliti l-privileġġi ta' PBN, avviċinament wieħed fit-Taqsima 4 jew fit-Taqsima 5 għandu jkun RNP APCH. Fejn RNP APCH mhijiex prattikabbli, din għandha titwettaq f'FSTD mgħammar b'mod xieraq.";

(57) it-titolu tal-Appendiċi 9 huwa sostitwit bi "**Taħriġ, test tal-ħiliet u kontroll tal-proficjenza għall-MPL, ATPL, kwalifiki tat-tip u tal-klassi, u kontroll tal-proficjenza għall-BIR u l-IR**".

(58) L-Appendiċi 9 hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 5 tat-Taqsima B, il-punt (l) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(l) Biex jiġu stabbiliti u jinżammu l-privileġġi PBN, avviċinament wieħed għandu jkun RNP APCH. Fejn RNP APCH mhijiex prattikabbli, din għandha titwettaq f'FSTD mgħammar b'mod xieraq.

B'deroga mis-subparagrafu ta' hawn fuq, f'każijiet fejn kontroll tal-proficjenza għal rivalidazzjoni tal-privileġġi ta' PBN ma jinkludix eżerċizzju ta' RNP APCH, il-privileġġi ta' PBN tal-pilota ma għandhomx jinkludu RNP APCH. Ir-restrizzjoni għandha titneħħa jekk il-bdot ikun lesta kontroll tal-proficjenza li jinkludi eżerċizzju ta' RNP APCH.";

(b) fil-punt 6 tat-Taqsima B, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Fejn tidher l-ittra "M" fil-kolonna tat-test tal-ħiliet jew tal-kontroll tal-proficjenza, din tkun tindika eżerċizzju obbligatorju jew għażla fejn jidher aktar minn eżerċizzju wieħed.";

(c) fil-punt 6 tal-punt (B), il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) Biex jiġu stabbiliti u jinżammu l-privileġġi PBN, avviċinament wieħed għandu jkun RNP APCH. Fejn RNP APCH mhijiex prattikabbli, din għandha titwettaq f'FSTD mgħammar b'mod xieraq.

B'deroga mis-subparagrafu ta' hawn fuq, f'każijiet fejn kontroll tal-proficjenza għal rivalidazzjoni tal-privileġġi ta' PBN ma jinkludix eżerċizzju ta' RNP APCH, il-privileġġi ta' PBN tal-bdot ma għandhomx jinkludu RNP APCH. Ir-restrizzjoni għandha titneħħa jekk il-bdot ikun lesta kontroll tal-proficjenza inkluż eżerċizzju ta' RNP APCH.";

(d) fil-punt 6 tat-Taqsima B, fit-tabella li ġejja l-punt (j), ir-ringiela għall-eżerċizzju 3.8.3.4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3.8.3.4* B'mod manwali, b'magna waħda simulata li ma taħdimx waqt l-avviċinament finali, jew sakemm tintmess l-art jew permezz tal-proċedura sħiħa ta' avviċinament bla suċċess (kif applikabbli), u b'bidu minn: (i) qabel ma jinqabżu l-1 000 pied 'il fuq mil-livell tal-ajrudrom; u (ii) wara li jinqabżu l-1 000 pied 'il fuq mil-livell tal-ajrudrom. F'ajruplani li ma jkunux iċċertifikati bħala kategorija ta' ajruplani ta' trasport (JAR/FAR 25) jew bħala kategorija ta' ajruplani ta' vvjaġġar minn post għall-ieħor (SFAR 23), l-avviċinament bi ħsara simulata tal-magna u l-avviċinament b'tidwir li jirriżulta għandhom jinbdew flimkien mal-avviċinament 2D b'mod konformi ma' 3.8.4. It-tidwir għandu jinbeda meta jintlaħaq l-għoli/tintlaħaq l-altitudni ppubblikata ta' spazju ħieles mingħajr ostaklu (OCH/A); madankollu, mhux aktar tard minn meta jintlaħaq MDH/A ta' 500 pied 'il fuq mill-elevazzjoni minima tar-runway. Għal ajruplani li jkollhom l-istess prestazzjoni ta' ajruplan tal-kategorija tat-trasport fir-rigward tal-massa waqt it-tluġħ u l-altitudni ta' densità, l-għalliem jista' jissimula l-ħsara fil-magna skont l-eżerċizzju 3.8.3.4.	P —>	—>		M";	

(e) fil-punt 6 tat-Taqsima B, fit-tabella li ġejja l-punt (j), ir-ringiela għall-eżerċizzju 3.8.3.5 titħassar.

(f) fit-Taqsima C, jiddaħħal il-punt 8a ġdid li ġej:

"(8a) Biex jiġu stabbiliti u jinżammu l-privileġġi PBN, avviċinament wieħed għandu jkun RNP APCH. Fejn RNP APCH mhijiex prattikabbli, din għandha titwettaq f'FSTD mgħammar b'mod xieraq.

B'deroga mis-subparagrafu ta' hawn fuq, f'każijiet fejn kontroll tal-profiċjenza għal rivalidazzjoni tal-privileġġi PBN ma jinkludix eżerċizzju ta' RNP APCH, il-privileġġi ta' PBN tal-bdot ma għandhomx jinkludu RNP APCH. Ir-restrizzjoni għandha titneħħa jekk il-bdot ikun lesta kontroll tal-profiċjenza inkluż eżerċizzju ta' RNP APCH.".

ANNESS II

Il-punt MED.A.030 tal-Anness IV (Parti-MED) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Meta jeżerċita l-privileġġi ta':

(1) liċenzja ta' bdot għal inġenji tal-ajru ħfief (LAPL), liċenzja ta' bdot għall-blalen tal-arja (BPL) maħruġa skont l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395, jew liċenzja ta' bdot għall-gliders (SPL) maħruġa skont l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, il-bdot għandu jkollu tal-inqas ċertifikat mediku validu tal-LAPL;

(2) liċenzja ta' bdot privat (PPL), il-bdot għandu jkollu mill-inqas ċertifikat mediku validu tal-klassi 2;

(3) BPL għall-iskop ta':

(i) ġarr kummerċjali ta' passiġġieri bil-blalen tal-arja, il-bdot għandu jkollu mill-inqas ċertifikat mediku validu tal-klassi 2;

(ii) operazzjoni kummerċjali għajr ġarr kummerċjali ta' passiġġieri bil-blalen tal-arja, b'aktar minn 4 persuni abbord l-inġenju tal-ajru, il-bdot għandu jkollu mill-inqas ċertifikat mediku validu tal-klassi 2;

(4) SPL għall-iskop ta' operazzjonijiet kummerċjali ta' glider minbarra dawk speċifikati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, il-bdot għandu jkollu tal-anqas ċertifikat mediku validu tal-klassi 2;

(5) liċenzja ta' bdot kummerċjali (CPL), liċenzja ta' bdot ta' aktar minn ekwipaġġ wieħed (MPL) jew liċenzja ta' bdot tat-trasport ta' linja tal-ajru (ATPL), il-bdot għandu jkollu ċertifikat mediku validu tal-klassi 1.";

(b) il-paragrafu (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Jekk tiżdied kwalifika tat-titjir bl-istrumenti jew kwalifika tat-titjir bl-istrumenti bażika ma' PPL, id-detentur ta' liċenzja għandu jagħmel l-eżamijiet awdjometriċi tat-tonalità pura skont il-perjodiċità u l-istandard meħtieġ għad-detenturi ta' ċertifikat mediku tal-klassi 1.".

ANNESS III

L-Anness VI (il-Parti-ARA) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt ARA.GEN.220, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornata lista taċ-ċertifikati kollha tal-organizzazzjonijiet, taċ-ċertifikati tal-kwalifika ta' FSTD u tal-liċenzji tal-persunal, taċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet li tkun ħarġet, dikjarazzjonijiet ta' DTO li tkun irċeviet, u l-programmi ta' taħriġ tad-DTO li hija vverifikat jew approvat għall-konformità mal-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395, jew l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976.";

(2) il-punt ARA.GEN.350 huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja tal-paragrafu (da) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(da) B'deroga mill-paragrafi (a) sa (d), fil-każ ta' DTOs, jekk matul is-sorveljanza jew bi kwalunkwe mezz ieħor l-awtorità kompetenti ssib evidenza li tindika n-nuqqas ta' konformità ta' DTO mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/1139, mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL) u tal-Anness VIII (Parti-DTO) ta' dan ir-Regolament, jew mar-rekwiżiti tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, l-awtorità kompetenti għandha:";

(b) il-paragrafu (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura ta' infurzar addizzjonali, jekk l-awtorità ta' Stat Membru li taġixxi skont il-punt ARA.GEN.300(d) tidentifika kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/1139, mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL), l-Anness VII (Parti-ORA) u l-Anness VIII (Parti-DTO) ta' dan ir-Regolament, jew mar-rekwiżiti tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 minn organizzazzjoni ċċertifikata minn, jew li tkun ressqet dikjarazzjoni lil, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew lill-Aġenzija, hija għandha tinforma lil dik l-awtorità kompetenti b'dak in-nuqqas ta' konformità.";

(3) fil-punt ARA.GEN.360, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Malli tirċievi talba mingħand detentur tal-liċenzja biex jibdel l-awtorità kompetenti kif speċifikat fil-punt FCL.015(e) tal-Anness I (Parti-FCL), il-punt BFCL.015(f) tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 jew il-punt SFCL.015(f) tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, l-awtorità kompetenti riċeventi għandha, mingħajr dewmien żejjed, titlob lill-awtorità kompetenti tad-detentur tal-liċenzja tittrasferixxi, mingħajr dewmien żejjed, dawn kollha li ġejjin:

(1) verifika tal-liċenzja;

(2) kopji tar-rekords mediċi tad-detentur tal-liċenzja li jinżammu minn dik l-awtorità kompetenti skont il-punti ARA.GEN.220 u ARA.MED.150. Ir-rekords mediċi għandhom jiġu ttrasferiti skont il-punt MED.A.015 tal-Anness IV (Parti-MED) u għandhom jinkludu sommarju tal-istorja medika rilevanti tal-applikant, ivverifikata u ffirmata mill-valutatur mediku.";

(4) fil-punt ARA.FCL.200, jiżdied il-paragrafu (e) li ġej:

"(e) Għalliema għaċ-ċertifikati ta' FI(B) jew FI(S): L-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa proċeduri xierqa għat-twettiq tat-titjiriet ta' taħriġ taħt superviżjoni speċifikata fi:

(1) il-punti BFCL.315(a)(5)(ii) u BFCL.360(a)(2) tal-Anness III (Parti-BCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395; u

(2) il-punti SFCL.315(a)(7)(ii) u SFCL.360(a)(2) tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976.";

(5) il-punt ARA.FCL.250(a), is-subparagrafu (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) id-detentur tal-liċenzja ma għadux konformi mar-rekwiżiti applikabbli tal-Anness I (Parti-FCL), tal-Anness III (-Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 jew tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976;";

(6) fil-punt ARA.FCL.300, il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-awtorità kompetenti għandha ddaħħal fis-seħħ l-arranġamenti u l-proċeduri meħtieġa biex tippermetti lill-applikanti jagħmlu l-eżamijiet tal-għarfien teoriku skont ir-rekwiżiti applikabbli tal-Anness I (Parti-FCL), tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 jew tal-Anness III (Parti-FCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976.";

(7) il-punt ARA.ATO.110 li ġej jiddaħħal wara l-punt ARA.ATO.105:

"**ARA.ATO.110 Approvazzjoni tal-listi tat-tagħmir minimu**

Meta l-awtorità kompetenti tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' lista ta' tagħmir minimu skont il-punti ORO.MLR.105 tal-Anness III (Parti-ORO) u NCC.GEN.101 tal-Anness VI (Parti-NCC) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, hija għandha taġixxi skont il-punt ARO.OPS.205 tal-Anness II (Parti-ARO) ta' dak ir-Regolament.";

(8) fil-punt ARA.DTO.100, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Jekk id-dikjarazzjoni ma jkunx fiha l-informazzjoni meħtieġa jew tkun tinkludi informazzjoni li tindika nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/1139, mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL) u tal-Anness VIII (Parti-DTO) ta' dan ir-Regolament, jew mar-rekwiżiti tal-Anness III (Parti-BCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, l-awtorità kompetenti għandha taġixxi skont il-punt ARA.GEN.350(da).";

(9) fil-punt ARA.DTO.110, il-paragrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Meta tirċievi l-programmi ta' taħriġ ta' DTO, u kwalunkwe tibdil li jsirilhom, li jkunu nnotifikati lilha skont il-punt DTO.GEN.115(c) tal-Anness VIII (Parti-DTO) jew l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-programmi ta' taħriġ ta' DTO ppreżentati lilha skont il-punt DTO.GEN.230(c) ta' dak l-Anness, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità ta' dawk il-programmi ta' taħriġ mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli.";

(10) L-Appendiċi I hija emendata kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja wara t-titolu "**Liċenzja tal-ekwipaġġ tat-titjira**" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-liċenzja tal-ekwipaġġ tat-titjira maħruġa minn Stat Membru skont l-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:";

(b) il-paragrafu (a)(1)(III) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(III) numru tas-serje tal-liċenzja, li jibda bil-kodiċi tal-pajjiż tan-NU tal-Istat li ħareġ il-liċenzja, segwit mill-ittri 'FCL', 'BFCL' jew 'SFCL', kif applikabbli, u kodiċi ta' numri Għarbin u/jew ittri Latini;";

(c) il-paragrafu (a)(2)(XII) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(XII) kwalifiki, ċertifikati u, fil-każ ta' blalen tal-arja u gliders, privileġġi: klassi, tip, ċertifikati ta' għalliem, eċċ., bid-dati tal-iskadenza, kif applikabbli. Il-privileġġi tat-telefonija bir-radju (R/T) jistgħu jidhru fuq il-liċenzja jew fuq ċertifikat separat;";

(d) il-mudell li jsegwi l-paragrafu (c), bl-intestatura "Paġna ta' quddiem" (il-Formola 141 tal-EASA Ħarġa 2) huwa emendat kif ġej:

(i) il-frażi "Maħruġa skont il-Parti-FCL" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Maħruġa skont il-Parti FCL/il-Parti-BFCL/il-Parti-SFCL (termini mhux applikabbli għandhom jitħassru)";

(ii) il-frażi "Din il-liċenzja tikkonforma mal-istandards tal-ICAO, ħlief għal-LAPL u l-privileġġi tal-EIR" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Din il-liċenzja tikkonforma mal-istandards tal-ICAO, ħlief għall-privileġġi tal-LAPL u l-BIR jew meta tkun akkumpanjata minn ċertifikat mediku tal-LAPL";

(e) fil-mudell wara t-titolu "Paġna 2", il-frażi 'In-numru tas-serje tal-liċenzja sejjer dejjem jibda bil-kodiċi tal-pajjiż tan-NU tal-Istat li ħareġ il-liċenzja segwit minn "FCL". (rimarka assoċjata mal-qasam Nru III — Numru tal-liċenzja) hija sostitwita b'dan li ġej:

"In-numru tas-serje tal-liċenzja sejjer dejjem jibda bil-kodiċi tal-pajjiż tan-NU tal-Istat li ħareġ il-liċenzja segwit minn 'FCL.', 'BFCL.' jew 'SFCL.', kif applikabbli.";

(f) il-mudell li jsegwi l-intestatura "Paġna 3" huwa emendat kif ġej:

(i) il-frażi "Abbrevjazzjonijiet użati se jintużaw fil-Parti-FCL (eż. PPL(H), ATPL(A), eċċ.)" (test assoċjat mal-qasam Nru II - Titolu tal-liċenzja, data tal-ħruġ inizjali u kodiċi tal-pajjiż) hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-abbrevjazzjonijiet se jkunu bħal dawk użati fil-Parti-FCL (eż. PPL(H), ATPL(A), eċċ.), fil-Parti-BFCL u fil-Parti-SFCL";

(ii) wara l-frażi "F'każ ta' LAPL: LAPL mhux maħruġa skont l-istandards tal-ICAO" (test assoċjat mal-qasam Nru XIII - Rimarki), jiżdied it-test li ġej:

"Fil-każ ta' SPL, ħlief għall-każijiet imsemmija fil-Punt 2(b) tal-Artikolu 3b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976: Privileġġi għal titjir fil-livell tas-sħab ajrubatiku u tal-gliders kif ukoll għal metodi ta' llanċjar li għandhom jiġu eżerċitati skont il-punti SFCL.155, SFCL.200 u SFCL.215 tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli.".

(11) L-Appendiċi III hija sostitwita b'dan li ġej:

"ĊERTIFIKAT GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET TA' TAĦRIĠ APPROVATI (ATOs)

Unjoni Ewropea *

Awtorità Kompetenti

ĊERTIFIKAT TA' ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ APPROVATA

[NUMRU/REFERENZA TAĊ-ĊERTIFIKAT]

Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 [u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395/ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 (ADATTA SKONT KIF APPLIKABBLI)] u soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[Awtorità Kompetenti] b'dan tiċċertifika

[ISEM L-ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ]

[INDIRIZZ TAL-ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ]

bħala organizzazzjoni ta' taħriġ iċċertifikata skont il-Parti-ORA bil-privileġġ li tipprovdi korsijiet ta' taħriġ tal-Parti-FCL, inkluż l-użu ta' FSTDs, kif elenkat fl-approvazzjoni tal-kors ta' taħriġ mehmuż/korsijiet ta' taħriġ tal-Parti-BFCL/korsijiet ta' taħriġ tal-Parti-SFCL [ADATTA SKONT KIF APPLIKABBLI].

KUNDIZZJONIJIET:

Dan iċ-ċertifikat huwa limitat għall-privileġġi u għall-ambitu tal-provvista tal-korsijiet ta' taħriġ, inkluż l-użu ta' FSTDs, kif elenkat fl-approvazzjoni mehmuża tal-kors ta' taħriġ.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu sakemm l-organizzazzjoni approvata tibqa' konformi mal-Parti-ORA, il-Parti-FCL, il-Parti-BFCL, il-Parti-SFCL [ADATTA SKONT KIF APPLIKABBLI] u regolamenti oħra applikabbli.

Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sakemm iċ-ċertifikat jiġi ċedut, sostitwit, ristrett, sospiż jew revokat.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat:

[Awtorità Kompetenti]

* "L-Unjoni Ewropea" għandha tifhassar għal Stati Membri li mhumiex membri tal-UE

ĊERTIFIKAT TA' ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ APPROVATA

APPROVAZZJONI TA' KORS TA' TAĦRIĠ

Hemża maċ-Ċertifikat ATO Nru:

[NUMRU/REFERENZA TAĊ-ĊERTIFIKAT]

[ISEM L-ORGANIZZAZZJONI TA' TAĦRIĠ]

kiseb il-privileġġ li jipprovdi u jwettaq dawn il-korsijiet ta' taħriġ tal-Parti-FCL/il-Parti-BFCL/il-Parti-SFCL [ADATTA SKONT KIF APPLIKABBLI] u li juża l-FSTDs li ġejjin:

Kors ta' taħriġ	FSTD(s) użat(i), inkluż il-kodiċi b'ittri (1)

(1) kif indikat fuq iċ-ċertifikat tal-kwalifika

Din l-approvazzjoni tal-kors ta' taħriġ hija valida sakemm:

(a) iċ-ċertifikat tal-ATO ma jkunx ġie ċedut, sostitwit, ristrett, sospiż jew revokat; u

(b) l-operazzjonijiet kollha jitwettqu skont il-Parti-ORA, il-Parti-FCL, il-Parti-BFCL, il-Parti-SFCL [ADATTA SKONT KIF APPLIKABBLI], regolamenti oħra applikabbli, u, fejn rilevanti, skont il-proċeduri fid-dokumentazzjoni tal-organizzazzjoni kif meħtieġa bil-Parti-ORA.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat:[Awtorità Kompetenti]

Għall-Istat Membru/EASA

FORMOLA 143 TAL-EASA Ħarġa 2 — Paġna 2/2";

(12) L-Appendiċi VIII hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Approvazzjoni tal-programm ta' taħriġ**

għal organizzazzjoni tat-taħriġ iddikjarata (DTO)

Unjoni Ewropea (*)

Awtorità kompetenti

L-awtorità tal-ħruġ:

Isem id-DTO:

Numru ta' referenza tad-DTO:

Programm(i) ta' taħriġ approvat(i): Standardizzazzjoni tal-eżaminatur - FE(S), FE(B) (**) Kors ta' aġġornament għall-eżaminatur — FE(S), FE(B) (**)	*Ir-referenza tad-dokument:*	*Rimarki:*

Il-programm(i) ta' taħriġ imsemmi(ja) hawn fuq ġie/ġew ivverifikat(i) mill-awtorità kompetenti msemmija hawn fuq u nstab li huwa/huma konformi mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011, l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat: [awtorità kompetenti]

(*) "Unjoni Ewropea" għandha titħassar għal Stati Membri mhux fl-UE.

(**) Irid jiġi adattat kif ikun applikabbli.

Ħarġa Nru 2 tal-Formola XXX tal-EASA — Paġna 1/1".

ANNESS IV

L-Anness VII (Parti-ORA) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt ORA.ATO.110 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b), is-subparagrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) li jiżgura li t-taħriġ ipprovdut ikun konformi mal-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395, l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli, u, fil-każ ta' taħriġ ta' titjir bi prova, li r-rekwiżiti rilevanti tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 u l-programm ta' taħriġ ikunu ġew stabbiliti;";

(b) il-paragrafu (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) L-għalliema tat-titjir u l-għalliema tat-taħriġ tas-simulazzjoni tat-titjir għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa mill-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 għat-tip ta' taħriġ li jipprovdu.";

(2) fil-punt ORA.ATO.125, il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-programm ta' taħriġ għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL), L-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395, l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli, u, fil-każ ta' taħriġ ta' test ta' titjir, ir-rekwiżiti rilevanti tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012.".

ANNESS V

L-Anness VIII (Parti-DTO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt DTO.GEN.110 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (a)(3) u (4) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(3) għall-gliders, skont ir-rekwiżiti tal-Anness III (il-Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976:

(a) tagħlim ta' għarfien teoriku għall-SPL;

(b) tagħlim fit-titjir għall-SPL;

(c) taħriġ għall-estensjoni tal-privileġġi għal gliders jew TMGs skont il-punt SFCL.150;

(d) taħriġ għal metodi ta' llanċjar addizzjonali skont il-punt SFCL.155;

(e) taħriġ għal kwalifiki u privileġġi addizzjonali: privileġġi ajrubatiċi bażiċi u ajrubatiċi avvanzati, kwalifika tal-ġbid ta' gliders u strixxuni, kwalifika ta' billejl għal TMG, u privileġġi ta' titjir tal-gliders fil-livell tas-sħab;

(f) taħriġ għal ċertifikat ta' għalliem tat-titjir għall-gliders (FI(S));

(g) kors ta' aġġornament għal FI(S);

(4) għall-blalen tal-arja, skont ir-rekwiżiti tal-Anness III (il-Parti-BFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976:

(a) tagħlim ta' għarfien teoriku għall-BPL;

(b) tagħlim fit-titjir għall-BPL;

(c) taħriġ għal estensjoni tal-klassi jew tal-grupp skont il-punt BFCL.150;

(d) taħriġ għal kwalifiki addizzjonali: titjira tal-ballun tal-arja sħuna marbut, billejl, u kwalifika ta' operazzjoni kummerċjali;

(g) taħriġ għal ċertifikat ta' għalliem tat-titjir għall-blalen tal-arja (FI(B));

(h) kors ta' aġġornament FI(B).";

(b) il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) DTO għandha tkun intitolata li tipprovdi wkoll korsijiet tal-eżaminaturi msemmija fil-punti BFCL.430 u BFCL.460(b)(1) tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 għal FE(B); kif ukoll fil-punti SFCL.430 u SFCL.460(b)(1) tal-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 għall-FE(S); dment li d-DTO tkun ressqet dikjarazzjoni skont il-punt DTO.GEN.115 u l-awtorità kompetenti tkun approvat il-programm ta' taħriġ skont il-punt DTO.GEN.230(c).";

(2) il-punt DTO.GEN.115(a), is-subparagrafu (8) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(8) dikjarazzjoni li tikkonferma li d-DTO hija konformi u, matul l-attivitajiet kollha ta' taħriġ koperti mid-dikjarazzjoni, se tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/1139, mar-rekwiżiti ta'l-Anness I (Parti-FCL) u l-Anness VIII (Parti-DTO) ta' dan ir-Regolament, kif ukoll mar-rekwiżiti tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976.";

(3) il-punt DTO.GEN.210 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a)(2)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) li t-taħriġ ipprovdut jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL), tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 u mal-programm ta' taħriġ tad-DTO;";

(b) il-paragrafu (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) L-għalliema tat-titjir u l-għalliema tat-taħriġ tas-simulazzjoni tat-titjir għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa mill-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 għat-tip ta' taħriġ li jipprovdu.";

(4) il-punt DTO.GEN.230 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-programmi ta' taħriġ għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli.";

(b) il-paragrafu (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) DTO għandu jkun intitolat li jipprovdi t-taħriġ imsemmi fil-punt DTO.GEN.110(b) biss meta l-programm ta' taħriġ tiegħu għal dak it-taħriġ, u kull bidla fih, ikunu nħarġu mill-awtorità kompetenti, wara applikazzjoni mid-DTO, b'approvazzjoni skont il-punt ARA.DTO.110, li tikkonferma li l-programm ta' taħriġ u kull bidla fih jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL), l-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976, kif applikabbli. DTO għandha tapplika għal tali approvazzjoni permezz tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tagħha f'konformità mal-punt DTO.GEN.115.";

(5) fl-Appendiċi 1, it-Taqsima 9 tal-formola ta' dikjarazzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"9.	**Stqarrija** Id-DTO żviluppat politika ta' sikurezza skont l-Anness VIII (Parti-DTO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011, u b'mod partikolari skont il-punt DTO.GEN.210(a)(1)(ii) tiegħu, u se tapplika dik il-politika waqt l-attivitajiet kollha tat-taħriġ koperti bid-dikjarazzjoni. Id-DTO tikkonforma u, matul l-attivitajiet kollha ta' taħriġ koperti bid-dikjarazzjoni, se tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/1139, mar-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-FCL) u tal-Anness VIII (Parti-DTO) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011, u mar-rekwiżiti tal-Anness III (Parti-BFCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 u l-Anness III (Parti-SFCL) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976. Nikkonfermaw li l-informazzjoni kollha li tinsab f'din id-dikjarazzjoni, inklużi l-annessi tagħha (jekk huwa applikabbli), hija kompluta u korretta. L-isem, id-data u l-firma tar-rappreżentant tad-DTO L-isem, id-data u l-firma tal-kap tat-taħriġ tad-DTO".